# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum it-Tnejn 11 t'April, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Diaeddin Arab**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Diaeddin Arab detentur tal-karta tal-identita' b'numru 19450A.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-20 ta' Frar, 2009 u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) U aktar talli fl-istess dati u cirkustanzi pproduca, biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi bhala persuna li m'hiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-Awtorita' legittima dahhal, jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova igorr xi oggett bhala dak barra mill-habs bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260.

d) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Il-Qorti hi gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni moghti mill-Avukat Generarli bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) fil-5 ta' Marzu, 2009, sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li kaz tieghu jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2015,[1] fejn din il-Qorti, kif preseduta, iddikjarat li se tinjora d-dikjarazzjoni tal-imputat fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2015, fejn iddikjara li

[1] Ara fol. 177 *et seq.* tal-process

mhux qed jezenta lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi li kienu nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta, u dan stante li ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti ghandha terga' tisma' dawn il-provi.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2016,[2] fejn din il-Qorti:

1. laqghet it-talba tad-difiza sabiex tigi sfilzata l-ewwel stqarrija tal-imputat li rrilaxxa fit-22 ta' Frar 2009;
2. cahdet it-talba tad-difiza sabiex tigi sfilzata t-tieni stqarrija tal-imputat li rrilaxxa fid-9 ta' Marzu 2009; u
3. cahdet it-talba tad-difiza li l-istqarrija tax-xhud Tarek Mahmoud li rrilaxxa fil-21 ta' Frar 2009, u x-xhieda li ta quddiem il-Magistrat Inkwerenti u quddiem din il-Qorti, jigu sfilzati.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Qabel ma tikkonsidra l-fatti u taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-meritu tal-imputazzjonijiet, il-Qorti tixtieq taghmel zewg osservazzjonijiet preliminari.

L-ewwel osservazzjoni hi li wara l-ewwel seduta f'dawn il-proceduri, l-imputat harab minn dawn il-Gzejjer lejn il-Libja fis-17 t'April 2009 u rritorna Malta minn jeddu fis-16 ta' Settembru 2015.[3]

Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li l-Artikolu 550(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"(1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni."*

[2] Ara fol. 218 *et seq.* tal-process.
[3] Ara l-stqarrija tal-imputat a fol. 97 tal-process.

Ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li l-*proces verbal* redatt fl-inkjesta in konnessjoni mal-meritu tal-kaz odjern, u ezebit bhala prova f'dawn il-proceduri, ma giex maghmul regolarment. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, la darba l-*proces verbal* u l-provi migbura ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni waqt l-istruttorja, anke jekk il-persuni li jkunu xehdu fl-inkjesta ma jitilghux jixhdu fil-procedura tal-istruttorja, dan ghandu japplika bl-istess mod fi proceduri quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti se tikkonsidra bhala prova *l-process verbal* u l-provi migbura fl-inkjesta, anke jekk il-persuni li taw ix-xhieda taghhom fl-inkjesta ma regghux gew jixhdu f'dawn il-proceduri quddiemha.

## Il-FATTI

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-20 ta' Frar 2009, l-imputat kien il-habs u kien gie allokat f'dormitorju fejn kien hemm circa sitt sodod.
2. Fl-istess dormitorju mieghu kien hemm zewg prigunieri ohra Tarek Mahmoud u Kingsley Wilcox. Dawn iz-zewg prigunieri kienu qed jirrisjedu f'dan id-dormitorju, qabel intbaghat l-imputat.
3. Fl-20 ta' Frar 2009, ghall-habta tat-3.30pm, saret tfittxija normali mill-ufficjali tal-habs, u fuq il-komodina tal-prigunier Tarek Mahmoud instabet blokka zghira (circa centrimetru kwadru), suspettata resina tal-cannabis. Fil-fatt, l-espert Xjenzat Godwin Sammut ikkonferma li din kienet rezina tal-cannabis, tal-piz ta' 0.16 grammi u purita ta' 15%, li hi purita *street level*.[4]
4. Il-prigunier Tarek Mahmoud ammetta mill-ewwel mal-Ufficjal Prosekutur, li l-blokka li nstabet fuq il-komodina tieghu kienet raza tal-cannabis, u qal li kien tahielu l-imputat il-gurnata ta' qabel. Mahmoud qal ukoll li hu u l-imputat kienu abbuzaw flimkien minn din id-droga fid-dormitorju.

[4] Ara xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 168 tal-process u r-relazzjoni tieghu a fol. 170 *et seq.* tal-process.

5. Tarek Mahmoud ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti, u sussegwentement rega' ikkonfermaha fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Tarek Mahmoud lahaq miet, qabel ma sarlu l-kontro-ezami mid-difiza.
6. Kingsely Wilcox xehed biss fl-inkjesta, u kkonferma fis-sustanza il-versjoni ta' Tarek Mahmoud, izda qal li hu ma pejjipx minn din id-droga.
7. Fl-istqarrija tieghu tad-9 ta' Marzu 2009, l-imputat cahad li hu kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis fil-habs, u li offra din id-droga lil prigunieri ohra u abuza minnha fil-habs. L-imputat rega' cahad l-allegazzjonijiet kollha li ghamel fil-konfront tieghu Tarek Mahmoud, fix-xhieda li hu ta' minn jeddu quddiem din il-Qorti.

## KONSIDERAZJONIJIET DWAR HTIJA

Il-kaz kollu jirrivolvi fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda, u cioe, jekk din il-Qorti temminx il-verzjoni ta' Tarek Mahmoud jew temminx il-versjoni tal-imputat.

Fl-istqarrija tieghu,[5] Mahmoud jghid li meta gie l-imputat fid-dormitorju tal-habs, ftit granet qabel l-incident, l-imputat kien qallu li hu kien dahhal bicca *"smoke"* u staqsieh *"kif inhi s-sistema hawnhekk biex naharqu l-haxixa minhabba l-gwardjani."* Skond Mahmoud, l-imputat hareg ir-raza tal-cannabis minn halqu, li kienet f'borza trasparenti, u urihielu u uriha wkoll lil Wilcox. Skond Mahmoud, l-imputat qallu li dahhal id-droga f'halqu u kien fiha daqs buttuna ta' computer. Mahmoud jghid li hu pejjep il-haxixa mal-imputat darba, u pejjipha wkoll wahdu darb'ohra dak in-nhar tal-incident fil-ghodu, qabel mar il-Qorti. Mahmoud jghid ukoll li qatt ma akkwista droga mill-habs.

Kemm quddiem l-Ufficcjal Prosekutur ftit sieghat wara l-incident, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat cahad kategorikament li hu kien dahhal id-droga l-habs u wisq inqas li kien qasamha ma Tarek Mahmoud. Huwa qal li ghalkemm kien

[5] Ara l-istqarrija ta' Tarek Mahmoud a fol. 37 *et seq.* tal-process.

jabbuza minn din id-droga qabel, ftit xhur qabel iddahhal il-habs, gie certifikat li kellu marda terminali u qata' l-abbuz tad-droga.

L-espert legali il-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante, mahtura fl-inkjesta, ghazlet li temmen il-versjoni ta' Tarek Mahmoud, stante li x-xhieda tieghu giet konfermata mill-prigunier l-iehor Kingsley Wilcox, liema xhieda hija kkonsidrat li kienet wahda kredibbli u ta' importanza kbira f'dan il-kaz.

Huwa vera li jidher li l-prigunier Kingsley Wilcox kien xhud indipendenti, u ma rrizultat l-ebda raguni oggettiva ghalfejn dan kellu jigdeb fuq l-imputat. Pero, hawn qieghdin fil-kamp kriminali, u ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda tat-tlett prigunieri u hasbet fit-tul, bir-rispett kollu, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-espert legali nominata fl-inkjesta, u ghandha dubbji ragonevoli dwar il-veracita tal-versjoni tal-fatti moghtija minn Tarek Mahmoud, u dan ghas-segwenti ragunijijiet:

1. Kif huwa notorju, huwa ferm difficli li prigunier jirnexxielu jdahhal id-droga fil-habs, u dan minhabba l-kontrolli li jsiru mill-ufficcjali tal-habs fuqu u fuq kull min imur izuru u johodlu xi haga. Ghalhekk, meta minkejja kollox, prigunier jirnexxielu jdahhal id-droga l-habs, din ghalih ikollha simbolikament il-valur tad-deheb.
2. F'dan il-kuntest, il-Qorti issibha difficli biex temmen, li l-imputat li kien ghadu kif dahal il-habs ftit granet qabel – u skond ix-xhieda ta' Wilcox gurnata qabel l-incident - u skond Mahmoud irnexxielu idahhal mieghu bicca raza tal-cannabis, jiddeciedi li mill-ewwel jafda liz-zewg prigunieri l-ohra li kienu mieghu fid-dormitorju u li hu ma kienx jaf qabel, li hu kien irnexxielu idahhal id-droga l-habs, billi jpoggiha go halqu. Li kieku ghall-grazzja tal-argument, l-imputat ghamel dan, hu kien qed jiehu riskju serju, li xi wiehed minn dawn il-prigunieri - li hu ma kienx jafhom – jirrappurtah lill-ufficjali tal-habs.

3. Wisq izjed, il-Qorti issibha difficli biex temmen li wara li l-imputat ha s-sogru li jdahhal id-droga l-habs, fejn kien ikkundannat li jirrisjedi ghal ftit granet biss, l-imputat jiddeciedi li jaqsam id-droga ma' prigunier iehor li ma jafux, u dan minghajr ebda forma ta' konsiderazzjoni, u mhux hekk biss imma jhallilu fil-pussess tieghu, l-kumplament tad-droga li kien ghad fadal wara li kienu ikkunsmaw it-tnejn minnha. Kif diga inghad, id-droga hija kkunsidrata simbolikament "deheb" fil-habs, u l-Qorti ma ssibx verosimili l-versjoni ta' Tarek Mahmoud, li l-imputat tah id-droga minghajr ma talab l-ebda konsiderazzjoni, u bil-konsegwenza li l-imputat, wara s-sogru li ha biex idahhal id-droga l-habs, spicca minghajr droga x'jabbuza ghall-kumplament tas-soggorn tieghu – li kif inghad kien ta' ftit granet – fil-habs ta' Kordin.
4. Rigward ix-xhieda tal-prigunier Kingsely Wilcox, din il-Qorti ghandha wkoll id-dubbji taghha dwar il-veracita taghha, meta wiehed jikkunsidra li Wilcox u Mahmoud kienu ilhom xhur jirresjedu flimkien fid-dormitorju, u ghalhekk presubilment kienu hbieb, filwaqt li l-imputat kien tqieghed fid-dormitorju ghal ftit granet biss. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax teskludi li fix-xhieda tieghu Wilcox kien qed jipprova jghin lil Mahmoud, li fil-pussess tieghu instabet id-droga, a skapitu tal-imputat.
5. Inoltre, l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li fuq l-imputat instabu xi affarijiet ohra, bhal rizla, tabakk ecc, li jistghu jindikaw li l-imputat kien qed jabbuza mir-raza tal-cannabis.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**